30 ta' Marzu, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Paul Montebello

**Storbju — Football — Sports — Provokazzjoni — Inseparabilità Guridika jew Naturali — Reat Uniku — Appell — Piena — Art. 352 inċiż (m) u inċiż (bb) tal-Kodiċi Kriminali**

*Il-kontravvenzjoni kontemplata fl-inċiż (m) tal-Art. 352 tal-Kodiċi Kriminali tirriferixxi għall-ksur tal-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes, għajjat, frat-*

*tarija ,u b'mod iehor; mentri dik taht l-inċiż (bb) tal-istess artikolu tirrigwarda l-bon ordni publiku, konsistenti fis-sikurezza publika, u anki fis-sikurezza individwali, u vjolazzjoni tal-ordni publiku. Għal-daqstant, l-inċiż (bb) jolqot kull att vjolent kommess f'ċirkustanzi tali li jista' jipprovoka, direttament jew indirettament, il-kommissjoni ta' reat kontra l-persuni.*

*Il-fatt tal-imputat, li bħala player waqt logħba football, fl-eċċitament tal-folla, waddab il-ballun fuq in-nies li kienu qegħedin iżommu mat-team kuntrarju għal tiegħu, hu appuntu każ li jaqa' taht l-imsemmi inċiż (bb); għax seta' jqajjem rewwixta, u b'hekk kien kawża potenzjali ta' reati kontra l-persuni — dak li appuntu jikkostitwixxi l-essenza ta' din id-dispożizzjoni.*

*Il-provokazzjoni, bħala skużanti, hi kontemplata mill-liġi biss għar-rigward tal-omiċidju u ferimenti; u għalhekk ma tiswiex id-difiża tal-provokazzjoni f'każ tal-player fiċ-ċirkustanzi fuq esposti; u dan apparti milli waħda mill-karatteristiċi ta' "sportsmanship" hi li fi kwalunkwe ċirkustanza l-veru "sportsman", anki jekk ikun jitlef, għandu jikkontrolla ruħu; diversament, il-veru sport isir irriżorju.*

*Imma dak il-player ma għandux jiġi kundannat, oltre li kiser il-bon ordni publiku, anki li waddab oġġett iebes bi ksur tal-Kodiċi Kriminali. L-imputazzjoni f'każ simili ma għandhiex tiġi żdoppjata, għaliex bejn imputazzjoni waħda u l-oħra hemm ness ġuridiku jew naturali, fis-sens illi, malli l-imputat waddab il-ballun, hu kkommetta ż-żewġ kontravvenzjonijiet, u allura hemm il-konsolidazzjoni f'reat wieħed.*

*Fl-appell magħmul mill-imputat, il-Qorti ma tistgħax iżżid il-piena; anzi f'każ simili, jekk il-Maġistrat ikun ta piena globali għaż-żewġ imputazzjonijiet, il-Qorti tal-Appell ikollha tnaqqas dik il-piena, avvolja l-Maġistrat ikun applika piena miti ħafna. Għax fl-appell il-Qorti għandha tħares lejn il-piena kif inhi; u ladarba l-Maġistrat ikun ta piena globali għaż-żewġ imputazzjonijiet, il-Qorti tal-Appell għandha tnaqqas dik il-piena, billi tkun qegħedha teskludi waħda mill-imputazzjonijiet.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija

kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli fl-Empire Stadium, il-Gżira, fis-6 ta' Jannar 1957, għal xi l-4.25 p.m., waqt logħoba football bejn it-team tal-Valletta u dak tas-Sliema Wanderers F.C., meta kien qiegħed *jilgħab bħala goalkeeper mat-team tal-Belt, volontarjament* kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-publiku, billi volontarjament ixxuttja l-ballun barra mill-"pitch" għal fuq innies li kienu qegħdin iżommu mat-team kuntrarju għal tiegħu; barra minn dan, bl-għemil tiegħu fuq imsemmi, tafa' ħwejjeġ iebsin bi ksur tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 12, art. 252 (bb) u 353 (l) (b);

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-7 ta' Frar 1957, li biha sabitu ħati u kkundannatu £2 ammenda;

Rat ir-rikors li biħ l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq *imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;*

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

*Mill-provi deher li l-appellant, fis-6 ta'* Jannar li għadda, kien qiegħed jilgħab bħala goalkeeper għat-team tal-Belt f'partita ta' dan it-team mat-team ta' tas-Sliema, li kienet qegħedha tintlagħab li Stadium. Versu l-finál tal-partita kien hemm inċident bejn l-imputat u player ta' tas-Sliema. Ftit wara, il-ballun mar barra mit-"touch line", u l-*imputat mar* biex jiġbru. F'dak il-"half" l-imputat kien fil-"goal-posts" tan-naħa ta' tas-Sliema, fejn l-ispettaturi partitarji tat-team ta' tas-Sliema jkunu fuq in-naħa ta' Rue D'Argens. Meta l-imputat mar biex jiġbor il-ballun, x'uħud minn dawn l-ispettaturi bdew jinsultawħ bil-kliem, u xeħtulu anki xi soldi. Dak il-ħin it-team tal-Belt kien qiegħed *jitlef "two-nil"*. Allura l-imputat, b'reazzjoni, qabad il-ballun u ta "shot" biħ fil-qawwi fuq dawk li kienu qegħdin "booing'. L-Ispettur Aurelio Caruana qal "taħ daqqa ta' sieq bis-saħħa kollha, bħal meta ngħidu ħareġ ballun spa-

rat". L-imputat qal:— "Dak il-ħin ma kontx naf x'qiegħed nagħmel, qbadt il-ballun u xħettu fuqhom";

Issa, l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat huma tnejn:— (a) Li hu volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-publiku; (b) li hu tafa' oġġett iebes ("hard substance") kontra n-nies;

L-aggravji dedotti mill-appellant huma:— (a) Rigward l-ewwel imputazzjoni, li hu ma għamelx storbju; (b) rigward it-tieni imputazzjoni, li football ma hux oġġett iebes fis-sens tal-liġi;

Kwantu għall-ewwel imputazzjoni;

Id-difiża evidentement qegħdha taħt malintiż. Din il-kontravvenzjoni ma hix dik ta' storbju bl-għajjat kontemplata fl-inċiż (m) tal-art. 352 Kap. 12 Ediz. Riv., imma dik tal-inċiż (bb) tal-istess artikolu. L-ewwel waħda tirriferixxi għall-ksur tal-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes, għajjat, frattarija, u b'mod ieħor. Il-kontravvenzjoni l-oħra tirrigwarda l-bon ordni publiku, konsistenti fis-sikurezza publika, u anki fis-sikurezza individwali, u vjolazzjoni tal-ordni publiku. Għalhekk, l-inċiż (bb) jolqot kull att vjolent, kommess f'ċirkustanzi tali li jista' jipprovoka, direttament jew indirettament, il-kommissjoni ta' reat kontra l-persuni (ara l-ispjegazzjoni awtorevoli li ta' din il-kontravvenzjoni tagħti l-President Sir Adrian Dingli fl-App. Krim. "La Polizia vs. Paolo Farrugia", 10 ta' Ġunju 1890);

Issa, dan kien appuntu l-każ tal-imputat. Dak l-att inkonsult tiegħu fiċ-ċirkustanzi tal-każ, fl-eċċitament tal-folla, seta' faċilment iqajjem rewwixta u, b'hekk kien kawża potenzjali ta' reati kontra l-persuni; u dan hu appuntu dak li jikkostitwixxi l-essenza ta' din id-dispożizzjoni, li ġejja minn dispożizzjonijiet tal-liġi ngliża, fejn l-element fondamentali tagħha hu dak appuntu li "a breach of the peace

might reasonably be feared" (ara The Magistrate's Courts ta' F.T. Giles, p. 129);

Fil-kors tal-argumenti, id-difensur talab, għar-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni, li tiġi meħuda in konsiderazzjoni l-provokazzjoni. L-ewwelnett, il-provokazzjoni, bħala skużanti, hi kontemplata fil-liġi biss għar-rigward tal-omiċidji u ferimenti. It-tieni, wieħed ma għandux jinsa li waħda mill-karatteristiċi ta' "sportsmanship", li kull pajjiż evolut għandu jinsisti fuqha bħala "test" tal-"character", hi li fi kwalunkwe ċirkustanza l-veru "sportsman", anki jekk ikun jitlef, għandu jikkontrolla ruħu; diversament, il-veru "sport" isir irriżorju. It-tielet, l-entità tal-piena li nfligga l-Maġistrat fl-Ewwel Istanza turi li hu ħa in konsiderazzjoni l-eċċitament tal-imputat minħabba l-ostilità tal-ispettaturi;

Dwar it-tieni imputazzjoni;

Hu evidenti li l-imputazzjoni ma kellhiex tiġi żdoppjata. Dan hu każ ta' inseparabilità ġuridika; għaliex bejn imputazzjoni waħda u oħra hemm ness ġuridiku jew naturali, fis-sens li, malli l-imputat xeħet il-ballun, hu kkometta (apparti d-deduzzjoni tad-difiża) iż-żewġ kontravvenzjonijiet. F'każ simili hemm il-konsolidazzjoni f'reat wieħed (ara sent. "Rex vs. Degiorgio", 29.1.1937, Qorti Krim. bi tliet Imħallfin). Għalhekk ma hemmx għalfejn wieħed jidħol fl-aggravju kif dedott;

Dwar il-piena;

Ma hemmx dubju li l-Qorti tal-Ewwel Grad tat piena miti ħafna; anzi miti ż-żejjed. Din il-Qorti, però, b'liġi, fuq appell tal-imputat ma tistax iżżid il-piena; anzi fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ ikollha tnaqqasha. Difatti, f'din is-sedi, din il-Qorti għandha tħares lejn il-piena "kif inhi". Il-Maġistrat sab lill-imputat ħati ta' żewġ kontravvenzjonijiet u ta piena globali ta' £2 ammenda. Hu raġjonevoli li wieħed

jaħseb li, fil-qies tal-piena, il-Maġistrat indirizza l-konsiderazzjoni tiegħu għal żewġ imputazzjonijiet. Issa, peress li din il-Qorti qegħedha teskludi waħda minnhom, u peress li hu raġjonevoli li wieħed jissupponi li l-Maġistrat infliġġa l-piena ta' £1 għal kull kontravvenzjoni għalhekk tabilfors il-piena għandha titnaqqas b'£1;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell fis-sens biss li tiddikjara l-imputat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni, għax konsolidata mal-ewwel waħda, u tilliberah minnha; u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata; u tikkonfermaha filli sabet l-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, b'dan li l-piena, għar-raġunijiet fuq esposti, issa tkun ta' lira (£1).

---